MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 1651/2000/1

Avviz Nru:- 1651/00DM

Mario Farrugia

Vs

Giorgina Gauci

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta’ somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar, dovuti mill-konvenuta lill-attur skond skrittura privata iffirmata bejn il-partijiet u redatta quddiem in-Nutar Mark Anthony Sammut fit-18 ta’ Jannar 2000.

Bl-imghaxijiet mid-data tal’ kull skadenza sal-pagament effettiv, bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Mejju 2000 u tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju numru

2973/00, kontra l- konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Giorgina Gauci fejn eccepiet illi:

1. It-talba tal-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ftehim tas-self ma sarx ai termini tal-Ligi;
2. It-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur peress illi l-iskrittura privata iffirmata bejn il-partijiet hija nulla u bla effett u dan peress illi l-kunsens tal-konvenuta gie moghti bi zball, gie mehud bi vjolenza u b'eghmil doluz;
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mhuwiex dovut;
4. Salvi eccezzjonijiet ohrajn

Rat in-nota tal-attur ppresentata fid-29 ta' Mejju 2002.
Semghet ix-xhieda prodotti;
Rat id-dokumenti esebiti;
Rat l-atti kollha tal-process; u
Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenuta, kemm bl-eccezzjonijiet taghha kif ukoll bid-deposizzjonijiet taghha, mhiex qed tikkontesta l-fatt illi effettivament hija rceviet flus minghand l-attur u lanqas illi effettivament hija iffirmat l-iskrittura tat-18 ta' Jannar 2000 redatta min-Nutar Mark Anthony Sammut u esibita bhala dokument MF1 a fol 12 tal-process.

Dak li qieghed isosstni l-konvenuta huwa illi l-iskrittura ghandha tigi ritenuta nulla billi l-firma taghha fuq dik l-istess skrittura giet mehuda b'theddid.

Izda ghalkemm il-Qorti ffissatilha terminu sabiex tistitwixxi l-proceduri appositi sabiex titlob in-nullita' ta' tali skrittura, il-konvenuta ma hadet ebda passi, u anzi mid-deposizzjoni taghha stess jirrizulta illi effettivament il-flus li qieghed jirreklama l-attur kienu effettivament gew mhallsa lilha u gew moghtija lilha minghajr ebda indizju illi dawn kienu qed jinghataw b'donazzjoni.

Jirrizulta inoltre, mill-istess deposizzjoni tal-konvenuta, illi dak li qed issejjah theddid, kien biss insistenza tal-attur illi hija tiffirma skrittura indikattiva tal-fatti illi effettivament kienu akkaduti u miftehma u kellhom jigu rregistrati.

L-istess konvenuta inoltre tiddikjara illi, anke wara li iffirmat l-iskrittura, kienet bdiet tezegwixxi dak li ntrabtet li taghmel u ghamlet pagamenti akkont waqt li tindika wkoll bhala theddid l-insistenza tal-attur li jinsisti ghall-ezekuzzjoni kompleta tal-ftehim.

Ghalhekk ma jirrizultawx indizju ta xi kawza ta nullita’ tal-ftehim premess mill-attur.

Minn naha l-ohra, d-deposizzjoni tal-attur hija cara u sorretta mid-diversi ittri interpellatorji u ufficjali li gew spediti  lill-konvenuta.

Ghaldaqstant il-Qorti qedghha tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuta u konsegwentement;

Tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ Lm1000 (elf lira Maltin) lill-attur ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mid-29 ta’ Novembru 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------